# 27 ta' Mejju, 1957

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Sir L.A. Camilleri, Kt., LL.D., President;**
**Onor. D. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**
**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.**

George Portelli *vesrus* Vittoria Grima

## Bejgħ — Azzjoni Redibitorja — Vizzji Moħbija — Art. 1017 u 1440 tal-Kodiċi Ċivili

*Meta tintalab ir-riżoluzzjoni tal-bejgħ ta' ħaġa mobili fuq il-motiv li l-oġġett konsenjat lix-xerrej mhux tajjeb u mhux skond il-ftehim, l-azzjoni eżerċitata mill-attur mhix dik redibitorja, li hi fondata fuq il-vizzji li jirrendu l-oġġett mhux tajjeb għall-użu tiegħu, imma dik "ex contractu", li hi fondata fuq il-konsenja da parti tal-venditur ta' ħaġa li ma tikkorrispondix mal-ftehim.*

*Jekk il-bejgħ kien ta' oġġett mhux ġdid, imma sekonda man, fin-nuqqas ta' provi suffiċjenti jekk l-oġġett kienx tajjeb jew le fil-mument tal-konsenja, wieħed għandu jimxi fuq dak li kien verosimilment fl-intenzjoni tal-partijiet fil-mument tal-ftehim; u hu għalhekk ġust u loġiku li jingħad li, meta l-oġġett ġie kwalifikat bħala "tajjeb", dik il-kelma fl-intendiment tal-kontraenti, u skond il-loġika ġuridika, kellha u għandha tifftiehem fis-sens li l-oġġett kellu jkun tajjeb "sa fejn jista' jkun tajjeb oġġett sekonda man bil-prezz li jkun inxtara".*

*Jekk l-oġġett juri li fih xi mankamanti li wieħed għandu jistennihom f'oġġett mixtri sekonda man, apparti milli kienu faċilment konstatabbli b'eżami superfiċjali, u li bi spiża żgħira jkun jista' jservi għal żmien konsiderevoli, il-kelma "tajjeb" fiċ-ċirkustanzi tal-każ ma tfisserx aktar minn "raġjonevolment servibbli".*

Il-Qorti;—Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li biħ l-attur, premess li hu xtara minn għand il-konvenuta pjanu b'isem "Carmen" bil-prezz ta' £40; liema pjanu kellu jkun tajjeb; u li dan il-pjanu mhux tajjeb, u mhux skond dan il-ftehim;

u premess li l-konvenuta naqset li tieħu lura dan il-pjanu, non ostante l-interpellazzjoni lilha magħmula b'ittra uffiċjali tal-5 ta' Mejju 1954, u għalhekk l-instanti, b'ċedola tal-11 ta' Mejju, iddepożitat dan il-pjanu taħt l-awtorità ta' din il-Qorti; talab li, wara li tiġi mogħtija kwalunkwe dikjarazzjoni neċessarja u meħud kwalunkwe provvediment opportun, għar-raġunijiet fuq imsemmija jiġi dikjarat riżolut il-bejgħ tal-pjanu fuq imsemmi, u jekk hemm bżonn jiġi dikjarat validu d-depożitu tal-pjanu fuq imsemmi, li sar b'ċedola tal-11 ta' Mejju 1954. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali u taċ-ċedola fuq imsemmija, kontra l-konvenuta;

*Omissis;*

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-30 ta' Jannar 1957, li biha ċaħdet it-talba, bl-ispejjeż kontra l-attur; wara li kkunsidrat;

Illi fit-3 ta' April 1954 it-tifla tal-attur, allura ta' xi tlettax il-sena, li kienet ilha mas-sitt snin tieħu lezzjonijiet tal-pjanu għand il-konvenuta, staqsiet lill-konvenuta riedetx tikri l-pjanu, li l-istess tifla ġie li użat. Il-konvenuta rrispondietha li l-pjanu riedet tbiegħu, u mhux tikrieh. Jumejn wara hija nfurmat lill-konvenuta li l-mara tal-attur kellha tmur tara l-pjanu biex tixtrieh. Jumejn wara, il-mara tal-attur marret tara l-pjanu. Il-konvenuta fetħitilha t-tastiera minn fuq, daqqet "chromatic scale" b'idejha t-tnejn, u qaltilha li l-pjanu kellu l-"frame" tal-ħadid. Hija wegħditha li tikkurdah, u qaltilha li setgħet tieħu lil min jifhem biex jarah. Semmietilha li l-prezz kien ta' £40, u li seta' jitħallas £20 f'daqqa u l-kumplament £2 fix-xahar. Fit-8 ta' April il-bejgħ sar, u wara li l-konvenuta nkarikat lil min jikkurdah, il-pjanu ġie konsenjat fid-dar tal-attur;

Illi b'ittra uffiċjali tal-5 ta' Mejju 1954 l-attur interpella lill-konvenuta biex tieħu l-pjanu lura, għax irritjena li ma kienx tajjeb "skond il-ftehim". B'ċedola tal-11 ta' Mejju 1954 huwa ddepożitah taħt l-awtorità ta' din il-Qorti u wara għamel din il-kawża;

Illi b'digriet tal-15 ta' Ottubru 1954 dik il-Qorti nnominat bħala espert......;

Illi, skond verbal reġistrat fis-seduta quddiem il-periti tal-21 ta' Ottubru 1955, il-partijiet qablu illi l-espert kellu jillimita provviżorjament l-inkariku tiegħu filli jeżamina l-pjanu u jara jekk fihx difetti li jirrenduh mhux tajjeb, u fil-każ li fih dawn id-difetti, jgħid x'inhuma, minn x'hix huma dovuti, u għal liema epoka jirrimontaw;

Illi b'relazzjoni tad-29 ta' Novembru 1955 l-espert issottometta dan:—

*Omissis;*

Illi l-attur qiegħed jitlob li jiġi riżolut il-bejgħ fuq il-kawżali li "il-pjanu mhux tajjeb u mhux skond il-bejgħ", kif huwa esprima ruħu anki fid-dikjarazzjoni, fl-ittra uffiċjali, u fiċ-ċedola tad-depożitu;

Illi f'kuntratt ta' bejgħ, meta jiġi konsenjat lill-kumpratur oġġett divers minn dak li hu ried jakkwista, oltre l-azzjoni ta' nullità minħabba vizzju tal-kunsens skond l-art. 1017 et seq. tal-Kodiċi Ċivili, il-kumpratur għandu għad-difiża tiegħu l-azzjoni riżoluttiva "ex contractu" taħt l-art. 1440 tal-istess Kodiċi, meta l-venditur jiġi biex jikkonsenjalu oġġett ta' kwalità mhux skond ma pprometta jew mhux skond il-kampjun. Huwa għandu, barra minn dan, l-azzjoni ta' garanzija jew redibitorja. Iżda, mentri l-azzjoni "ex contractu" taħt l-art. 1440 tiddefendi lill-kumpratur għall-inosservanza tal-obligi kontrattwali kontra l-konsenja ta' oġġett divers fil-kwalità minn dik promessa lilu, l-azzjoni redibitorja tipproteġieh kontra l-obligu aċċessorju tal-venditur li jikkonsenja l-oġġett mingħajr difett;

Għalkemm l-azzjoni "ex contractu" u l-azzjoni redibitorja għandhom l-istess fondament razzjonali, l-azzjoni "ex contractu" hija esperibbli biss meta l-ħaġa konsenjata tkun sostanzjalment diversa minn dik kuntrattata, meta l-kwalità tal-oġġett konsenjat tkun diversa minn dik kuntrattata, me-

ta l-kwalità tal-oġġett konsenjat tkun diversa minn dik tal-oġġett mibjugħ b'mod li ma tkunx tikkorrispondi għall-ġeneru tal-oġġett kuntrattat, u hekk il-konsenja tkun konsenja ta' "aliud pro alio"; mentri bl-azzjoni "ex contractu" l-kumpratur jiddefendi ruħu kontra l-ingann fuq il-kwalità prinċipali jew sustanza konvenzjonali tal-oġġett, bl-azzjoni redibitorja huwa jiddefendi ruħu kontra l-ingann fuq il-kwalità sekondarja tal-oġġett, jew kontra l-vizzji li jirrenduh mhux tajjeb għall-użu tiegħu;

Hekk, il-Qorti tal-Appell ta' Ruma, fil-kawża D'Amico vs.Toret, 30 ta' Diċembru 1922 (Fadda, art. 1498 C.C., no. 298, p. 572):— "Si fa luogo all'azione di rescissione della vendita per essersi consegnato 'aliud pro alio', quando la cosa consegnata costituisce una individualità diversa da quella pattuita, non già quando essa, pur avendo l'essenza o materiale costituzione pattuita, non sia in tutto od anche in parte atta all'uso cui è comunemente destinata, o pel quale l'acquirente abbia esplicitamente dichiarato di acquistarla";

F'każ ieħor, il-Qorti tal-Appell ta' Bologna rriteniet:— "......ed a nulla rileva che l'attitudine di una cosa ad una data destinazione abbia formato obbietto di una clausola espressa" (ibid. no. 300);

Hekk ukoll ġie ritenut (ara sentenzi ċitati fil-kawża "Falzon vs. Aquilina" — Kollez. XXIX-III-51):— "L'esistenza di vizi o difetti occulti che rendono la cosa inadatta o meno atta all'uso a cui è destinata, dà sempre luogo alla sola azione redibitoria, anche se le qualità mancanti sieno state espressamente pattuite dalle parti"; u "sorta quistione sulla qualità della cosa che non alteri la sostanza perchè corrispondente al genere che formò materia del contratto, rimane ferma la identità fra la cosa consegnata e quella venduta, e si ricade, quale che sia la volontà delle parti

contraenti, nelle indagini riflettenti esclusivamente la idoneità o meno della cosa stessa, sperimentabile soltanto mediante l'azione consentita dall'articolo 1498, cioè redibitoria";

Illi meta l-attur qiegħed bħala kawżali taċ-ċitazzjoni li "l-pjanu mhux tajjeb u mhux skond il-ftehim", huwa ppropona l-azzjoni "ex contractu". Huwa sostanzjalment rabat in-nuqqas ta' tjubija tal-pjanu mal-ftehim "ut sic", billi ma għamel lanqas l-iċken aċċenn fiċ-ċitazzjoni li n-nuqqas ta' tjubija jammonta għal difett okkult; liema element hu bażi essenzjali għall-azzjoni redibitorja. Huwa talab ir-riżoluzzjoni tal-bejgħ kif jista' jagħmel il-kumpratur meta l-oġġett konsenjat ma jkunx konformi mal-ftehim (art. 1440 Kod. Ċiv.; "Buttigieg vs. Hirst ne.", Kollez. XXXII-I-163), u ma sperimentax l-azzjoni tal-garanzija għad-difetti okkulti;

Illi l-konvenuta kkonsenjat l-istess pjanu li dwaru sar il-ftehim;

Illi, apparti l-kwistjoni f'liema stat ġie konsenjat il-pjanu, u jekk id-difetti konstatati fih mill-perit matul il-kawża kienux difetti okkulti skond il-liġi, il-mankanzi fuq imsemmija jirriferixxu għal kwalità sekondarja tal-oġġett, u mhux għal dik prinċipali, jew għas-sustanza tal-pjanu, tal-oġġett bħala tali, u ma jbiddlux l-individwalità tiegħu skond il-ftehim. Dawk id-difetti jnaqqsu, se maj, l-idoneità tal-oġġett, imma ma jbiddlux is-sustanza tiegħu. Għalhekk l-azzjoni tal-attur "ex contractu" mhix sostenibbli, u t-talba tal-attur ma tistgħax tiġi milqugħa;

Rat, fol. 95, in-nota tal-appell tal-attur, u l-petizzjoni tiegħu, fol. 96, li biha talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata, u li tiġi milqugħa t-talba tiegħu; bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Ma jistgħax ikun hemm dubju, atteżi t-termini espliċiti taċ-ċitazzjoni, li l-azzjoni esperita hija dik "ex contrac-

tu", peress li l-attur appuntu qiegħed jippretendi li l-pjanu minnu mixtri "ma hux tajjeb kif kellu jkun skond il-ftehim";

Issa, qabel xejn, għandu jiġi osservat li ma hux għal kollox żgur li, meta l-pjanu ġie konsenjat mill-konvenuta, kien fih id-difetti li minnhom jilmenta l-attur; tant għaliex, skond ix-xhieda tal-konvenuta, konfermata f'ċertu mod anki minn dik ta' oħtha Rita Grima, ta' Josephine Caruana u ta' Emmanuele Gatt, dawk id-difetti allura ma kienux jeżistu, kemm anki għaliex, mid-data tal-konsenja tal-pjanu, ċjoè mit-12 ta' April 1954, sad-data tad-depożitu tiegħu, ċjoè il-11 ta' Mejju 1954, ma jistgħax jiġi eskluż li kien hemm xi tbagħbis fih, li seta' ddanneġġjah;

Però, ankorkè li wieħed kellu jgħid li dawk id-difetti kienu jeżistu fil-mument tal-bejgħ, l-istanza hi ugwalment mingħajr bażi. Infatti, hu ċert li l-attur xtara mhux oġġett ġdid, imma oġġett sekonda man; u mhux biss sekonda man, imma f'dak il-grad tal-istat ta' sekonda man li l-prezz tiegħu kien ta' £40, li hu prezz ferm baxx a paragun tal-prezz ta' pjanu ġdid fiż-żmienijiet tal-lum. Issa, fil-kontradizzjonijiet, wieħed għandu jimxi fuq dak li kien verosimilment fl-intenzjoni tal-partijiet fil-mument tal-ftehim; u hu għalhekk ġust u loġiku li jingħad li, meta l-pjanu ġie kwalifikat bħala "tajjeb", dik il-kelma, fl-intendiment tal-kontraenti, u skond il-loġika ġuridika, kellha u għandha tiftiehem fis-sens li l-pjanu kellu jkun tajjeb "sa fejn jista' jkun tajjeb pjanu sekonda man ta' dak il-prezz";

Issa, l-erbgħa mankamenti msemmijin mill-perit, fol. 28, huma ta' xorta tali li wieħed għandu jistennihom fi pjanu sekonda man ta' £40, apparti li huma kollha faċilment konstatabbli bl-eżami superfiċjali tal-pjanu. Lanqas jista' jingħad "mhux tajjeb" pjanu mixtri sekonda man £40 jekk bi spiża ta' sitta jew sebgħa liri, pjù spiża żgħira għal pedala waħda. dan jista' jiġi riparat b'mod li, kif qal l-espert, fol. 75, ikun jista' jservi għal żmien konsiderevoli. Il-

kelma "tajjeb", fiċ-ċirkustanzi tal-każ, ma tfisserx aktar milli "raġjonevolment servibbli"; u hu raġjonevolment servibbli pjanu li jista' jindaqq tajjeb jekk issirlu spiża ta' entità raġjonevoli, kif inhu l-każ;

Għall-motivi fuq premessi, u fis-sens fuq premess;

Tirrespinġi l-appell tal-attur u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tiegħu.